MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2012

Numru. 425/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Jurgen Vella**

**vs**

**Charlene Guerrera**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Charlene Guerrera ta' 28 sena, bint Franco u Mary Grace xebba Borg, imwielda l-Pieta', 19 t'April, 1983, residenti gewwa Enrico Flats, Flat 7, Triq il-Foss Paola, detentrici tal-karta ta' l-identita' 228183M giet imressqa quddiemha akkuzata talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti kisret l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, b'risoluzzjoni wahda billi:

Minn diversi stabilimenti, f'dawn il-Gzejjer, nhar it-23 ta' Jannar, 2012 u granet precedenti, ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor,

ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ghal valur ta' elfejn mija u hmistax-il euro u zewgt centezmi (€2115.02) ghad-dannu ta' Antonio Abela mill-Fgura u l-Bank of Valletta.

U aktar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, iffalsifikat ordni jew dokument illi meta jigi pprezentat wiehed jista' jircievi bih hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern; u xjentement ghamlet uzu ta' din l-ordni jew dokument;

Aktar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew bidlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihoom jew kellhom jippruvaw; u xjentement ghamlet uzu minn dan l-att, kitba jew skrittura falza.

U talli ukoll f'dawn il-gzejjer fl-istess zmien, hin u cirkostanzi, xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahlet sabiex tbiegh jew tmexxihom ghal valur ta' elfejn mija u hmistax-il euro u zewgt centezmi (€2115.02) ghad-detriment ta' Antonio Abela mill-Fgura u l-Bank of Valletta.

U aktar talli meta sabet hwejjeg haddiehor li jkunu naqsu lil xi persuna, m'gharrfitx bihom, fi zmien tlett ijiem lill-Pulizija Ezekuttiva.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 24 t’April, 2012 (esebit a fol. 9 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputata waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tal-14 ta’ Gunju, 2012 iddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar l-14 ta’ Gunju, 2012 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq sabiex jekk trid terga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietha t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Semghat s-sottomissjonijiet maghmulha mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputata, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li, l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri, kkunsidrat ukoll il-fatt ukoll li l-ammont kollu dovut thallas lura lilll-vittma, kkunsidrat l-fatt li l-imputata kkoperat bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet u kkunsidrat ukoll li l-imputata ghandha fedina penali netta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 167(1), 169, 183, 184, 308, 309, 310(1)(b), 340 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi, u

b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma’ tikkommettix reat iehor sa zmien sentejn millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------